MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2155/2002

**SMS Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Leonard Armeni.**

**Vs**

**Joseph Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur, fis-6 ta' tembru, 2003 fejn l-attur noe qed jitlob il-kundanna ghal rizarciment ta' danni komplessivi fl-ammont ta' Lm219.45 (mitejn u dsatax il-lira maltin u hamsa u erbghin centezmu) rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh f' Santa Venera nhar id-29 ta'**

**Jannar, 2002 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura HAP901 habat mall-vettura ARM158 misjuqa minn Leonard Armeni, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghaxx legali.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-24 ta' Settembru, 2002, fejn intqal;**

**1. Illi l-incident veritu tal-kawza gara minghajr t-tort jew htija tal-esponent.**

**2. Illi l-esponent jinserva illi jecepixxi dwar il-kwantun mitlub mis-socjeta' attrici hekk kif lir-ricevuti relattivi jkunu diperibbli.**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidra**

**Illi l-kollizzjoni in dezamina si tratta ta' habta bejn vettura li qed tikser biex tmur f'direzzjoni f' triq ohra u vettura gejja minn warajha waqt manuvra ta' sorpass.**

**Illi huwa impellenti li ssir riferenza ghall-ambjent fejn sar l-incident. L-incident issuccieda ezattament fejn wiehed jitlaq triq principali/arterjali biex jidhol ghal triq sekondarja.**

**L-Art 71 tal-Highway Code jirrakkomanda li "manuvra ta' sorpass ma ghandhiex ssir jekk ma tistax isir minghajr perikolu ghalih u ghal terzi". Mhux hekk biex, izda l-iktar- jistipula li ma ghandha isir f' T-Junction fost postijiet ohra.**

**Illi inoltre, dak li jaghmel il-manuvra jrid izomm ' a proper look out' strettissima ghal dak li jista jissucciedi.**

**Aktar u aktar meta vettura, biex taqbez ohra, trid tinstaq b' certa velocita superjuri ghal dik li qed taqbez. F' dawn il-mumenti kollha ix-xufier taghha jrid joqghod attent ghal kull manuvra li tista issir mill-vettura sorpassandi, specjalment jekk taghti indikazzjoni li ser tibdel id-direzzjoni taghha.**

**Dana kollu issuccieda fil-kollizzjoni in ezami. Inoltre, l-iskizz redatt mill-pulizija huwa ferm illuminanti. Jindika, kif ammess mill-istess konvenut li huwa ttenta jissorpassa fuq il-karreggjata opposta ghal dik li kien qed isuq fiha. Kien kmieni filghodu, kienet in-nida, u allura l-vettura ma kenitx kontrollabbli ghall-ahhar.**

**Meta nduna bil-manuvra li kien ser idur fuq il-lemin tieghu ossia fuq l-istess naha li kien jaghmel il-manuvra tas-sorpass, ipprova jibbrekja biex jevitah, izda inutilment. Ghalkemm ma jaqbilx mat-tul kollu, il-konvenut ammetta li halla marki, izda mhux 9 metri kif indikat mill-pulizija.**

**Da parti tieghu, l-assigurat tal-attur ma jirrizultax li kien jahti ghall-incident u/jew b' xi mod ikkontribwixxa ghalih. Kien fuq quddiem, fil-karreggjata tieghu, u ta' indikazzjoni lil ta' warajh x' kien ser jaghmel. Il-konvenut allega fix-xhieda tieghu li ghamel manuvra li ser jidhol il-gewwa di fatti brake light kien rah izda l-indicator tal-lemin baqa ma rahx. Dan iffisser, li apparti li kiser kull regolament tat-traffiku, l-konvenut lanqas milli jzomm ' a proper look out'. It –Tribunal jaghmel referenza ghas-Sentenzi fl-ismijiet Elmo Ins**

**Agency Ltd u Edward Said (App Inf – 14/1/02) u Odette Saliba vs Saviour Borg (Mag 8/4/02).**

**Relattivament ghal quantum tad-danni dana ma giex kontestat mill-konvenut pero it-Tribunal jirrileva li fis-somma mitluba hija inkluza s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25) imhallsa bhala ‘excess’ mill-assigurat stess u peress li l-istess assigurat mhux attur fil-kawza, ma jistax jigi akkolt u allura ghandhu jitnaqqas.**

**Jiddeciedi billi fil-waqt jiddikjara il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tad-29 ta’ Jannar 2002, jilqa it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ mija erba u disghin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm194.45), jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ mija erba u disghin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm194.45), bl-ispejjes u interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------